MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1026/2005

L-Avukata Dottoressa Stephania Zerafa

vs

D.I. Limited

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li premettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici ta' dik konvenuta ta' l-ekwivalenti f' liri Maltin tas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tmien EURO u hamsa u ghoxrin EURO cent (EURO 23, 608.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u mmarkat 'Dok A' konsistenti fi prospett u numru ta' 'invoices' u d-'delivery notes' relattivi;

Illi minkejja interpellata diversi drabi sabiex thallas is-somma minnha dovuta, anke permezz ta’ ittra uffijcali datata 13 ta’ Jannar 2005, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu hu certi, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta m’ ghandhiex eccezzjonijiet x’ taghti;

Talbet ghalhekk lill-istess socjeta’ konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ekwivalenti f’ Liri Maltin tas-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tmien EURO u hamsa u ghoxrin EURO cent (EURO 23, 608.25) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Jannar 2005, u bl-imghax legali mid-data tad-diversi konsenji skond l-anness prospett sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------